# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2019**

**Kawża Numru 10**

**Citazzjoni Numru 2840/96 AE**

**Cutajar Construction Limited u b'degriet tat-2 ta' Ottubru, 2018, il-proċeduri ġew awtoriżżati li jitkomplew f'isem "*C & F Cutajar Construction Brothers*" (P – 615) kif rappreżentata mill-aħwa Charles Cutajar u Frank Cutajar, stante li Cutajar Construction Limited ġiet xolta**

**v.**

**Pierre P. Gregoire**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fit-3 ta' Ottubru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet

tal-istess appellant, laqgħet it-talbiet attriċi billi illikwidat is-somma ta' sebat elef sit mija u wieħed u sitin euro (€ 7,661) bħala l-bilanċ tal-prezz ta' xogħol ta' tħammil li l-attriċi appellata wettqet fil-proprjetà tal-appellant u ikkundannat lill-istess intimat appellant iħallasha l-imsemmija somma ta' sebat elef sitt mija u wieħed u sittin euro (€ 7,661) flimkien mal-imgħax fuqha b'seħħ mis-26 ta' Lulju, 2002;

2. Illi biex l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni msemmija ikkunsidrat kif ġej:

> "*Miċ-ċitazzjoni hu evidenti li l-attriċi qegħda tippretendi ħlas għax-xogħol li għamlet*[1] *u mhux għall-hlas li hu intitolat għalih l-appaltatur f'każ li l-kommittent jħoll il-kuntratt (ara Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili).*
>
> "*L-ewwel kwistjoni hi dwar jekk l-appaltatur abbandunax ix-xogħol hu jew twaqqafx mill-konvenut. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-*
>
>> "*1. L-aħħar li l-attriċi għamlet xogħol fis-sit kien fit-23 ta' Novembru 1995. Hekk jirriżulta mill-prospett li ppreżentat l-attriċi fejn elenkat il-ġranet li fihom sar xogħol fil-plot tal-konvenut (Dok. X1 a fol. 131).*
>>
>> "*2. L-attriċi ssostni li kien hemm diffikulta' biex tkompli bix-xogħol ta' tħammil tal-plot għaliex fl-art kien hemm it-tafal u x-xita ma kenitx qegħda tippermetti li jitkompla x-xogħol.*
>>
>> "*3. Il-konvenut kien inkariga lil ċertu Raymond Dowdall bħala project manager. Għalkemm il-konvenut iddeskrivih bħala hostile witness u jidher li r-relazzjoni ta' bejniethom spiċċat fuq nota qarsa, dan ma jfissirx li x-xhud m'għandux jitwemmen. Il-qorti qrat it-traskrizzjoni u hi tal-fehma li x-xhud kien konsistenti f'dak li qal. Minn din id-deposizzjoni jirriżulta li:-*
>>
>> "*a) Il-kuntrattur kien qiegħed jaħdem minkejja d-diffikultajiet meta tagħmel ix-xita. Spjega wkoll li l-ħaddiema kienu jikkoperaw miegħu u meta jagħtihom ordni kienu jwettquha;*
>>
>> "*b) Meta tagħmel ix-xita kien ikollhom jieqfu u jħallu bejn tlieta u erbat ijiem qabel ikomplu x-xogħol;*
>>
>> "*ċ) Kien iktar faċli għalih li jsegwi l-andament tax-xogħol għaliex igħix f'dar li qegħda ftit passi 'l bogħod mill-plot fejn kien qiegħed isir ix-xogħol;*

---

[1] *Tant hu hekk li fit-tieni talba jingħad: "Tillikwida l-ammont li huwa dovut lill-attur għax-xogħol minnu esegwit fil-proprjeta' tal-attur….".*

"*d) Il-konvenut kien jilmenta dwar l-andament tax-xogħol; "Iva, din tax-xita ma kienx jista' jifhimha, kont nispjegalu kemm-il darba, dejjem igerger u jirrabja, qed tifhem ?" (fol. 100);*

"*e) Jirriżulta li Dowdall kien ukoll ta nota, datata 26 ta' Ottubru 1995 (fol. 55), fejn hemm spjegat li x-xita kienet qegħda toħloq diffikulta' lill-kuntrattur biex iħaffef ix-xogħol;*

"*f) L-uffiċjali tal-kumpannija attriċi kienu nfurmawhom li minħabba l-ambjent diffiċli li kien hemm fis-sit kienet saret ukoll ħsara f'wieħed mill-inġenji. Saħansitra l-konvenut u Dowdall marru f'garaxx fl-Imġarr fejn kienet qegħda ssir it-tiswija. Lix-xhud il-konvenut qallu: "Jien mhux nemminhom", qalli dawn qed igħadduh biż-żmien, ħadtu, raha din il-biċċa, rah is-shaft tagħhom …… qabbadni biex insib kuntratturi oħra, jien ġibt kuntratturi oħra u qaluli l-istess li qed igħidli hu, l-istess ħaġa" (fol. 102). Il-konvenut ma riedx li l-attriċi tkompli bix-xogħol għaliex fil-fehma tiegħu kienu qegħdin igħadduh biż-żmien, għalkemm fir-realta' qatt ma qalilhom biex jieqfu mix-xogħol.*
*"ġ) L-uffiċjali tal-attriċi qatt ma qalulu li mhux ser ikompli bix-xogħol. Pero' riedu li t-temp jitjieb biex ikunu jistgħu jkomplu mingħajr tfixkil. Min-naħa tiegħu l-konvenut kien determinat li jinkariga kuntrattur ieħor tant li lix-xhud inkarigah sabiex isib lill-ħaddieħor.*

"*4. F'dan ix-xenarju hu evidenti li r-relazzjoni bejn il-kontendenti ma setatx tkompli. Min-naħa waħda jidher li l-attriċi riedet li qabel tkompli bix-xogħol jgħaddi l-istaġun tax-xitwa filwaqt li l-konvenut ma kienx dispost jaċċetta. Mid-deposizzjoni ta' Dowdall hu evidenti li anke kieku tkompla x-xogħol bl-istess ritmu li kien għaddej, il-konvenut kien daħħalha f'rasu li Cutajar qegħdin igħadduh biż-żmien. Għalhekk iddeċieda jfittex is-servizz ta' ħaddieħor.*

"*5. Il-qorti hi moralment konvinta li sa minn qabel ma siefer fil-21 ta' Diċembru 1995 il-konvenut kien diġa' ddeċieda li jqabbad lil ħaddiehor. Meqjus li l-aħħar ġurnata meta sar xogħol kien fit-23 ta' Novembru 1995, il-qorti tqies li hu verosimili li fil-ġranet ta' wara l-konvenut ha d-deċiżjoni deskritta mix-xhud Dowdall. Mill-atti hu evidenti li l-konvenut hu metikoluż, attent u fejn xi ħaġa ma togħġbux jiehu passi mingħajr ħela ta' ħin. Hekk per eżempju fil-każ tal-kuntrattur li tqabbad minflok l-attriċi kien pront jattiralu l-attenzjoni li "Considering the weather, you have to proceed when conditions are good…. For instance the ground conditions were ideal on Tuesday and Wednesday but you were not on site…. " (ara Dok. PG9-1 a fol. 226). L-ittra għalaqha bi twissija: "In addition, should you be unable to make prompt arrangements for the resumption of your work before the end of tomorrow, we reserve the right to replace you without any further notice or delay, and impose on you all the penalties we see fit". Il-qorti ma temminx dak li qalu l-konvenut u martu, li kienu sorpriżi meta rritornaw lura lejn Malta fil-11 ta' Jannar 1996 marru jaraw is-sit, u "We noted that no equipment was on the site and we were extremely disappointed there had been no progress in the works. We contacted Mr Dowdall and he told us that Cutajar had left the site, saying that it was a summer job" (fol. 206). Verżjoni li ma taqbel xejn ma' dak li xehed Dowdall. Il-qorti hi konvinta li l-konvenut ħa d-deċiżjoni li jinkariga lil ħaddieħor qabel siefer.*

"*6. Il-konklużjoni tal-qorti hi li l-appaltatur ried li x-xogħol jieqaf sakemm it-temp ikun aħjar u l-art tippermettilu li jkompli bla waqfien, filwaqt li l-kommitent ma kellu l-ebda ħsieb li jippermetti dan. Mill-atti jidher li l-konvenut kien oriġinarjament qiegħed jippjana li l-piling li kellu jsir mill-Ballut Blocks Limited*

*isir f'Ottubru 1995. Fil-fatt f'ittra datata 10 ta' Settembru 1995 (fol. 231) bagħat igħarraf lil Ballut Blocks Limited: "I reconfirm that we shall see you on site in the first week of October. The plan now is to drive 12 large piles below the villa and 4 smaller piles below the swimming pool. Please confirm as soon as possible the exact date in the first week of October when you will come to the site.". Għalhekk l-indikazzjoni hi li l-attriċi kellha tlesti x-xogħol qabel l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 1995. Jidher li dan ma seħħx u l-konvenut ħallihom ikomplu bix-xogħol għalkemm kien igorr dwar il-progress tax-xogħol. Għalkemm jingħad li x-xogħol kellu jsir f'Awissu jidher li dan ma kienx possibbli peress li l-permess ta' żvilupp ħareġ fit-12 ta' Settembru 1995 (fol. 235). F'dak l-istadju tant il-konvenut kien qiegħed jaċċetta li l-attriċi tkompli bix-xogħol li fit-23 ta' Novembru 1995 ħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm1,000 (Dok. PG10 a fol. 228). Wieħed irid japprezza wkoll, kif wara kollox osserva l-perit tekniku Mario Cassar, "Jidher li dik is-sena għamlet ħafna xita" (ara skeda li ppreżenta l-konvenut Dok. PG3 a fol. 216). Mid-deposizzjoni ta' Dowdall hu evidenti li kien proprju f'dawk iż-żmenijiet li l-konvenut ħass li Cutajar kienu qegħdin igħadduh biż-żmien u ma kienx ser jippermetti li x-xogħol jiġi sospiż għal numru ta' ġimgħat. Għalhekk ta struzzjonijiet lil Dowdall sabiex ifittex kuntrattur ieħor. Filwaqt li l-attriċi ma kellix dritt li unilateralment tissospendi x-xogħol, il-kommittent kellu kull dritt li ma jaċċettax li x-xogħol jiġi temporanjament sospiż. Madankollu jibqa' l-obbligu tal-konvenut li jħallas għax-xogħol li leħqet għamlet il-kumpannija attriċi ġialadarba kien aċċetta li tkompli bix-xogħol minkejja li ma osservatx il-programm li kellu l-konvenut, u ħa benefiċċju minn dak ix-xogħol. Obbligu li jibqa' wkoll fejn ikun hemm raġuni valida sabiex il-kommittent iħoll l-appalt (Artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili[2]). Kienet tkun materja oħra kieku fil-pretensjoni tal-attriċi kien hemm inkluż talba għall-ħlas ta' qliegħ ieħor li suppost kienet tagħmel kieku tħalliet tkompli bix-xogħol.*

"*It-tieni kwistjoni li trid tiġi trattata hi l-ħlas li tippretendi l-attriċi. Fir-rapport:-*

"*i. Tal-perit Mario Cassar jingħad: "L-esponent huwa tal-fehma illi l-istudju li għamel Louis Attard, Dok. PG16 a fol. 264, jirrifletti is-sitwazzjoni tas-sit oriġinali (site profile) ferm aħjar minn dak kif sottomess minn Randolph Camilleri f'dok. RC3 u RC4 a fol. 199. F'dan il-kuntest l-esponent huwa tal-fehma illi fil-fatt il-volum ta' materjal li tneħħa jammonta għal ċirka 1140.29 metri kubi jew inkella 1492 jardi kubi" (fol. 386). Il-perit tekniku kompla jgħid li "[….] ix-xogħol ta' skavar mill-attur jammonta għal Lm2984 (1,492 jardi kubi x Lm2 għal kull jarda), u Lm150 għax-xogħol ta' tindif tas-sit għal total li jammonta għal Lm3,134. Minn dawn diġa' tħallsu Lm2,000 bħala akkont.". Fil-fehma tal-qorti l-opinjoni tal-perit tekniku dwar il-kejl, tippekka għaliex ma ta l-ebda raġuni għalfejn fil-fehma tiegħu l-istudju li għamel Louis Attard "[….] jirrifletti is-sitwazzjoni tas-sit oriġinali (site profile) ferm aħjar". Opinjoni li fil-fehma tal-qorti m'hijiex motivata.*

"*ii. Tal-perit addizzjonali jingħad: "Is-surveyor Randolph Camilleri kien mar fuq is-sit qabel ma kien inbeda ebda xogħol ta' skavar waqt li Louis Attard kien mar wara li lesta x-xogħol Polidano. Għalhekk hija l-fehma tal-esponenti li l-kont li għamel is-Sur Camilleri huwa aktar korrett. L-esponenti jaqblu wkoll li r-rata ta' Lm2 kull jarda kuba għal skavar li sar dak iż-żmien fil-plot 220 Sta. Maria Estate, Mellieha, hija waħda ġusta. Allura l-ammont dovut lis-soċjeta attriċi hija 2039*

[2] *"Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra".*

*jardi kubi x Lm2 kull jarda kuba (Lm4078)*[3]*. Ma' dan għandu jingħadd Lm150 għal xogħol ta' tindif tas-sit u xogħol ieħor ta' trenches 74.39 jardi kubi x Lm5 kull jarda kuba (Lm371.95) għal total li jammonta għal Lm4599.95" (fol. 424). Wieħed irid japprezza li fir-rapport ta' Louis Attard, surveyor inkarigat mill-konvenut, jingħad li fil-kalkoli li għamel ħa in konsiderazzjoni li "[….] that you and your wife told me that when you purchased the plot it had terraces with fruit trees. The above shows that the plot had terraced fields and this is reflected in my calculation. However, I find that sections in R. Camilleri's drawing 465-3 (his exhibit RC4) relfect a sloping terrain and not one that is terraced. This means that R. Camilleri's sections show more volume of excavation for the contractor." (fol. 265). Jidher għalhekk li wieħed mill-fatturi li wasslu lil Louis Attard sabiex jikkonkludi li sar tqattiegħ ta' 1,492 kubi jardi ta' blat, kien bażat fuq dak li qallu ħaddieħor u mhux għaliex għamel il-kostatazzjoni hu. Minn imkien ma rriżulta li fir-realta' l-art li xtara l-konvenut kienet "terraces with fruit trees". Anzi l-profil tas-sit li jidher fir-ritratt MC1 a fol. 388 jidher differenti. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser taddotta l-opinjoni espressa mill-periti addizzjonali.*

"*Fir-rapport li ħejja s-surveyor Randolph Camilleri ġew ukoll inklużi 208 jarda kubi għar-rampa b'valur ta' Ewro 969. Il-periti addizzjonali kkummentaw hekk: "Huwa normali li r-rampa issir b'materjal li jiġi skavat mis-sit u għalhekk minħabba li s-soċjeta' attriċi m'appreżentatx dokumenti li juru xorta oħra, il-volum ta' skavar għar-rampa huwa inkluż fil-2039 jardi kubi." (fol. 424). Opinjoni li l-qorti ma tistax tiskarta meqjus li ngħatat minn persuni li huma midħla ta' dan ix-xogħol.*

"*Il-konvenut isemmi wkoll danni li hu sofra minħabba li l-attriċi ma komplietx bix-xogħol. Il-qorti m'hijiex konvinta li l-konvenut sofra d-danni li qiegħed jallega*[4]*. Dan apparti li sat-23 ta' Novembru 1995 kien aċċetta li l-attriċi tkompli, minkejja li l-programm li kellu l-konvenut ma kienx inżamm, tant li dakinhar stess ħallas akkont ta' Lm1,000. Jirriżulta li wara li rritorna lura mis-safar mill-ewwel għamel kuntratt ma' kuntrattur ieħor u x-xogħol ta' skavar kellu jitlesta sas-17 ta' Frar 1996 filwaqt li l-piling, li ma kienx inkluż fl-appalt mogħti lill-attriċi, kellu jitlesta sal-1 ta' Marzu 1996. Jekk it-tieni kuntrattur ma lestiex l-iskavar fiż-żmien stipulat, żgur li l-konvenut ma jistax jipponta subgħajh fid-direzzjoni tal-attriċi. Inoltre:-*

"*i. m'hemmx prova li l-andament tal-kumplament tax-xogħol inżamm skond il-programm rivedut li suppost għamel il-konvenut, u li dwaru m'hemm l-ebda ħjiel fl-atti.*

"*ii. l-ispejjeż relatati ma' storage u kirja ta' residenza xorta kienu ser isiru għaliex bix-xogħol ta' skavar li t-tieni kuntrattur obbliga ruħu li jlesti sas-17 ta' Jannar 1996, il-kirja tal-fond u tal-maħżen fejn kien qiegħed iżomm l-affarijiet xorta kien ser jibqa' bżonnhom ġialadarba kien għad fadal ħafna xogħol x'isir fuq is-sit.*";

---

[3] *Il-konvenut xehed: "To do excavation work, Cutajar quoted at the rate of (i) Lm2 cu. Yd if the material was excavated without being carted away to a remote site and (ii) Lm5 cu. Yd if the material was excavated and carted away by truch to a remote site" (fol. 208).*

[4] Ħlas ta' erba' xhur kera ta' fond u allegat *storage fees* ġewwa l-Kanada (ara dokument a fol. 257).

3. B'Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-22 ta' Ottubru, 2013, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-intimat appellant talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digriet mogħti mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Diċembru, 2011, li bih ċaħdet it-talba tiegħu biex tħassar il-ħatra li kienet ingħatat lill-periti addizzjonali u li tnaħħi mill-atti tal-kawża r-rapport peritali mressaq minnhom, u biex minflok, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kif dedotti fir-rikors imressaq minnu fit-30 ta' Awwissu, 2011; u talab ukoll li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi u konsegwentement tgħaddi biex tiċħad it-talbiet attriċi, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

4. Is-soċjetà appellata, kif issa rappreżentata mill-aħwa Charles u Frank Cutajar, ma ressqet l-ebda Tweġiba għar-Rikors tal-Appell imressaq mill-intimat;

5. Rat il-verbal tas-smigħ ta' din il-Qorti tal-14 ta' Novembru, 2017[5], li bih u fid-dawl tal-fatt li kien ħareġ li isem il-kumpannija attriċi appellata kien tħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji, l-avukat tal-appellant issolleva n-nullità tas-sentenza appellata billi din ingħatat fil-konfront ta' persuna (ġuridika) ineżistenti u billi l-jeddijiet litiġjużi tagħha kienu għaddew kif imiss lil terzi;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell mill-avukati tal-partijiet;

---

[5] Paġ. 504 tal-proċess

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Rat id-degriet tagħha ta-13 ta' Novembru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi din il-kawża tirrigwarda l-ħlas ta' xogħol appaltat u t-temm qabel waqtu tal-istess appalt. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti sabet li s-soċjetà appellata kien jistħoqqilha ħlas għax-xogħol li laħqet wettqet f'ġid tal-appellant qabel ma hija temmet l-appalt lilha mogħti;

10. Illi l-intimat jibni l-appell tiegħu mill-imsemmija sentenza fuq sitt (6) aggravji, bl-ewwel wieħed ikun 'proċedurali' u bl-oħrajn fil-mertu tas-sentenza appellata. Il-Qorti sejra tqis l-ewwel **l-aggravju 'proċedurali'** marbut mad-degriet interlokutorju mogħti mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Diċembru, 2011;

11. Illi f'dan ir-rigward l-appellant jirreferi għall-ħatra ta' periti addizzjonali magħmula mill-ewwel Qorti b'degriet tagħha tad-29 ta' April, 2009[6], wara li l-perit tekniku minnha maħtur kien ħalef ir-Rapport imressaq minnu waqt is-smigħ

[6] Paġ. 405 tal-proċess

tat-22 ta' Mejju, 2008[7]. Is-soċjetà appellata kienet talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali b'Nota mressqa minnha fl-24 ta' Ġunju, 2008[8], liema talba reġgħet ikkonfermatha b'Nota oħra tal-15 ta' April, 2009[9]. Il-periti addizjonali ressqu r-rapport tagħhom fid-9 ta' Ġunju, 2010, iżda ħalfuh bejn is-17 ta' Frar, 2011, u t-28 ta' Frar, 2011, wara li kienet inqalgħet problema dwar l-intaxxar tad-dritt tagħhom. B'verbal magħmul waqt is-smigħ tad-19 ta' Mejju, 2011[10], l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li kienu joqogħdu fuq il-fehmiet tal-periti addizzjonali, iżda talbu l-fakultà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, f'liema data l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq;

12. Illi fit-30 ta' Awwissu, 2011[11], l-intimat ressaq rikors li bih talab li l-ewwel Qorti (i) issib li t-talba tal-kumpannija attriċi għall-ħatra ta' periti addizzjonali kienet saret wara ż-żmien mogħti fil-liġi u għalhekk ma kinitx tiswa; (ii) issib li d-degriet (tad-29 ta' April, 2009) li bih laqgħet it-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali kien għalhekk ma jiswiex ukoll; u (iii) tordna lir-rapport imressaq mill-periti addizzjonali jitneħħa mill-atti tal-kawża. B'digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2011[12] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-digriet appellat"), u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-intimat fl-imsemmi rikors, u ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[7] Paġ. 373 tal-proċess
[8] Paġ. 391 tal-proċess
[9] Paġ. 403 tal-proċess
[10] Paġ. 426 tal-proċess
[11] Paġġ. 430 – 1 tal-proċess
[12] Paġġ. 456- 7 tal-proċess

13. Illi l-appellant jisħaq li ladarba s-soċjetà appellata kienet ħalliet jaqbeż iż-żmien ta' għaxart (10) ijiem mill-ftuħ tar-rapport tal-ewwel perit tekniku (li seħħ fit-22 ta' Mejju, 2008) imsemmi fl-artikolu 677 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, allura dik it-talba saret '*fuori termine*' u ma tiswiex u għaldaqstant id-degriet mogħti mill-ewwel Qorti li laqa' t-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali wkoll ma jiswiex. Huwa jisħaq li dak it-terminu huwa wieħed perentorju li ma jistax jiġġedded jew jittawwal, lanqas jekk il-partijiet jistgħu jidhru li qagħdu għal dak li tressaq bi ksur tiegħu, u dan jgħidu bit-tħaddim tar-regola li *quod nullum est, nullum producit effectum*;

14. Illi, min-naħa tagħha, is-soċjetà appellata targmenta li dan l-aggravju ma huwa bl-ebda mod mistħoqq għaliex mhux biss l-appellant ma ressaq qatt oġġezzjoni għat-talba tagħha għall-ħatra ta' periti addizzjonali (ħlief meta saret it-trattazzjoni tal-għeluq u l-kawża kienet diġà tħalliet għas-sentenza), iżda kien saħansitra iddikjara li kien joqgħod fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-istess periti addizzjonali tagħhom wara li r-rapport tagħhom infetaħ u tqiegħed fl-ati tal-kawża;

15. Illi l-Qorti tqis li, fil-proċedura, ż-żminijiet mogħtijin lil parti biex tressaq att jistgħu jkunu jew ġudizzjarji (jew legli) għaliex ikunu imposti mil-liġi, jew inkella ġudizzjali, għaliex imposti mill-Qorti jew mit-tribunal imwaqqaf b'liġi[13]. Żmien ġudizzjarju jista' jkun wieħed perentorju; imma meta ma jkunx perentorju, jista'

[13] App. Ċiv. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Mousu' pro et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.244**)

jiġġedded għal raġuni tajba sakemm it-talba għat-tiġdid issir qabel ma jagħlaq dak iż-żmien preskritt[14], jew, jekk ikun laħaq għalaq iż-żmien, b'azzjoni ta' reintegrazzjoni[15]. Iż-żminijiet ġudizzjali normalment jaqgħu taħt il-kategorija ta' termini mhux perentorji[16];

16. Illi termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien *ad unguem* u huma ta' ordni pubbliku[17], u jistgħu jitqajmu *ex ufficio* minn qorti jew minn tribunal[18]. Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jittawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan[19]. Hemm fehma li tmur lura s-snin li t-termini jew żminijiet biex xiħadd jappella minn deċiżjoni huma termini perentorji[20];

17. Illi jidher li n-Nota mitluba mil-liġi biex parti titlob il-ħatra ta' periti addizzjonali kienet maħsuba, sa ma saru l-bidliet wiesgħa fil-liġi proċedurali bl-Att XXIV tal-1995, biex titqabbel man-Nota li wieħed kien irid iressaq meta kien ikun jixtieq jappella minn sentenza u qabel ma jressaq il-petizzjoni tal-appell (li

---

[14] Ar. 106 tal-Kap 12 u App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Francis B. Vassallo noe vs Direttur tal-Kuntratti***
[15] App. Ċiv. **28.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ħili*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.321**)
[16] Kost. **30.3.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.25**)
[17] App. Inf. PS **6.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Abela vs Aplan Limited et***
[18] App. Inf. PS **12.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Salina Wharf Marketing Ltd vs Malta Tourism Authority*** u App. Inf. PS **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd.***
[19] App. Inf. (RRB) **21.3.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Caruana vs Charles Psaila*** (mhix pubblikata)
[20] App. Inf. PS **7.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Earthcare Co. Ltd. vs Kunsill Lokali Valletta***; App. Inf. PS **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***A.F. Ellis (Homes Décor) Ltd vs Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Kuntratti***; u P.A. MCH **23.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard John Bridge vs Onor. Ministru tal-Ġustizzja u Intern et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**16.4.2012**)

kien l-att meħtieġ f'dak iż-żmien biex wieħed jappella minn sentenza). Kemm hu hekk jingħad "*The purpose of appointing additional referees is that of obtaining three similar opinions, including the one given by the original referees, and it is therefore sufficient to appoint two more referees. The demand for such an appointment is an appeal from the decision given by the original referee or referees, and therefore it only takes place at the request of the parties, whch must be made within the same time established for lodging an appeal against judgements, a time which runs from the day on which the first report is published. The law does not establish the form of this demand: in practice a 'note' is generally used*"[21]. Minn dan il-kliem, il-Qorti tislet il-fehma li l-att meħtieġ biex tintalab il-ħatra ta' periti addizzjonali huwa wieħed kostituttiv tal-istess proċediment (li l-Qorti li quddiemha jitressaq tista' tagħżel li tilqgħu jew tiċħdu, imma ma tistax tqajjem minn rajha), filwaqt li t-terminu mogħti mil-liġi biex tali talba ssir huwa wieħed perentorju, fis-sens li la jibda għaddej qabel ma jinfetaħ ir-rapport[22] u lanqas jista' jitwal aktar wara li jiskadi ż-żmien[23];

18. Illi l-fatt li fl-1995 saru bidliet fl-imsemmi artikolu 677 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li bihom iż-żmien żdied għal għaxart ijiem u li fissru minn meta għandu jitqies li jibda għaddej dak iż-żmien (jekk kemm-il darba l-perit ikun tħalla jaħlef ir-Rapport tiegħu mhux waqt smigħ) ma jibdilx, fil-fehma tal-Qorti, in-natura perentorja ta' dak l-att. Jekk tali att jitressaq wara ż-

[21] Caruana Galizia Civil Procedure Notes paġ. 1405
[22] Ara P.A. **2.5.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo et vs Caruana noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.33**)
[23] Ara Kumm. **3.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calafato et vs Żahra et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.656**)

żmien, imissu jitqies bħallikieku ma tressaq qatt u għalhekk mhix kwestjoni ta' nullità li għaliha tgħodd l-eċċezzjoni maħsuba fl-artikolu 789 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

19. Illi minn dan kollu joħroġ li jekk kemm-il darba s-soċjetà appellata talbet li ssir il-ħatra ta' periti addizzjonali minn tal-anqas għoxrin jum wara ż-żmien li l-liġi kienet tagħtiha biex tagħmel talba bħal din, ifisser li d-degriet li laqa' dik it-talba ma jiswiex u lanqas ma jiswa r-Rapport imressaq mill-periti addizzjonali bis-saħħa ta' dak id-degriet;

20. Illi l-Qorti għalhekk qiegħda tasal għall-fehma li l-ewwel aggravju tal-appellant jistħoqqlu jintlaqa' u għalhekk il-Qorti sejra tħassar id-degriet appellat u sejra tilqa' t-talbiet magħmulin minnu fir-rikors tiegħu tat-30 ta' Awwissu, 2011. Madankollu, minħabba ċ-ċirkostanzi msmmija aktar qabel f'din is-sentenza, dan il-fatt sejjer jinċidi fuq il-kwestjoni tal-kap tal-ispejjeż;

21. Illi fit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li jekk kemm-il darba l-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tiegħu, il-kawża trid terġa' tkun deċiża mingħajr ma jittieħed qies tal-fehmiet tal-periti addizzjonali li l-ewwel Qorti straħet fuqhom fis-sentenza appellata. Huwa jgħid li din il-Qorti jmissha tħassar is-sentenza appellata u hija stess twettaq mill-ġdid l-apprezzament tal-provi rimanenti billi tieħu kunsiderazzjoni tal-bqija tal-aggravji tiegħu;

22. Illi ladarba l-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju tal-appellant, u fid-dawl tal-fatt li sejra tħassar id-degriet appellat u tilqa' t-talbiet magħmulin mill-appellant fir-rikors tiegħu lil dik il-Qorti fit-30 ta' Awwissu, 2011, issib li dan l-aggravju wkoll huwa mistħoqq. Il-Qorti trid tippreċiża li s-sentenza appellata hija magħmula minn kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li ma kienu bl-ebda mod misluta mill-perizja teknika jew li setgħu tabilfors jiddependu mill-fehma tal-perit tekniku maħtur, u għalhekk qiegħda tqis dan l-aggravju tal-appellant bħala limitat għal xi kostatazzjonijiet tekniċi li l-ewwel Qorti setgħet qagħdet fuqhom mir-Rapport tal-periti tekniċi addizzjonali. Min-naħa l-oħra, lanqas huwa l-każ li terġa' tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex issir l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-aspetti tekniċi marbuta mal-każ. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jkunx xieraq, kemm għaliex matul l-istadju li fih kienu nħatru l-periti addizzjonali ma tressqux provi ġodda minn dawk li kienu tressqu quddiem l-ewwel perit tekniku, u wkoll għaliex is-smigħ ta' din il-kawża ilu għaddej bosta snin u l-partijiet diġà ngħatawlhom biżżejjed żmien u opportunità biex jagħmlu s-sottomissjonijiet u jressqu l-każ rispettiv tagħhom;

23. Illi, għal dawn ir-raġunijiet, u fid-dawl tal-preċiżazzjoni hawn magħmula, dan it-tieni aggravju sejjer jintlaqa' wkoll;

24. Illi fit-**tielet aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li, ladarba l-ewwel Qorti sabet li s-soċjetà appellata kienet unilateralment waqfet milli ttemm ix-xogħol lilha appaltat, dik il-Qorti messha laqgħet l-eċċezzjoni tiegħu li huwa kien ġarrab

danni minħabba dak l-abbandun bla raġuni tajba. Huwa jiċċara li dan l-aggravju tiegħu jintrabat mal-affermazzjoni li s-sospensjoni unilaterali tax-xogħol appaltat min-naħa tal-appaltatur jitqies daqslikieku kien abbandun tax-xogħol u għalhekk iġib miegħu l-konsegwenza tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-kommittent. Huwa dan li kien eċċepixxa fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, u li l-ewwel Qorti skartat għal kollox fis-sentenza appellata;

25. Illi s-soċjeta appellata laqgħet għal dan l-aggravju billi qalet li, mill-mod kif tressaq, ma huwa xejn aktar milli appell biex din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament ta' fatti minflok dak magħmul mill-ewwel Qorti, u li dan m'għandux isir jekk kemm-il darba ma jikkonkorrux raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jintitolaw lil din il-Qorti tistħarreġ dak l-apprezzament li wetqet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

26. Illi din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju jixraqlu stħarriġ lil hinn mill-kwestjoni tal-apprezzament tal-fatti, iżda fuq il-bażi ta' dritt li jgħodd għall-każ taħt il-kuntratt tal-appalt. F'dan il-kuntratt partikolari, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun inbeda diġà [24]. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm[25]. Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija deroga għall-prinċipju ewlieni li, f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' minn rajha taqbad u tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti

[24] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[25] Art. 1640(5) tal-Kap 16

oħra[26]. Fi kliem ieħor, il-liġi tagħti din l-għażla unilaterali lill-kommittent biss imqar jekk dan jiddeċidi li jtemm l-appalt għal kull raġuni li jfettillu[27];

27. Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "*tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento*"[28];

28. Illi madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utilità li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt[29]. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-

[26] Kumm. **21.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Morana et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.716**)
[27] App. Kumm. **14.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Accountant General et vs Ellul Sullivan noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.538**)
[28] Cassazione **14.6.1972** no. 1870
[29] Art. 1640(3) tal-Kap 16

appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu[30];

29. Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur;

30. Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda

---

[30] Art. 1640(2) tal-Kap 16

ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent. Iżda jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[31] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2);

31. Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li fejn l-appaltatur ma jwettaq jew ma jikkonsenja xejn mix-xogħol lilu ordnat, dan ifisser inadempiment tal-kuntratt mogħti. F'każ bħal dan, jekk kemm-il darba l-kommittent iseħħlu juri li l-appaltatur tassew naqas milli jwettaq l-appalt mogħti lilu, huwa jista' jtemm l-appalt bla ma jaqa' fis-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[32]. U meta l-appaltant, fuq raġuni tajba, ikun temm il-kuntratt u għarraf lill-appaltatur b'dik id-deċiżjoni tiegħu, il-kuntratt jinħall minnufih mal-għoti ta' dak l-avviż bla ma jkun meħtieġ li l-Qorti tawtorizza jew tikkonferma tali deċiżjoni[33]. Jidher għalhekk li, meta l-appaltant jagħżel li jtemm qabel waqtu kuntratt ta' appalt u jagħti lill-appaltatur iż-żmien ta' avviż, ma tibqax aktar il-kwestjoni ta' jekk l-appalt intemmx jew le, imma biss jekk ir-raġuni li għaliha l-appaltant sejjisx

[31] Art. 1068 tal-Kap 16
[32] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***
[33] Art. 1640(5) tal-Kap 16

l-għażla tiegħu fuq raġuni tajba jew le biex iħoll il-kuntratt[34]. B'effett ta' għażla bħal din jiddetermina jekk l-appaltatur ikollux jedd jitlob danni minħabba l-għażla tal-appaltant;

32. Illi l-qofol tat-tieni eċċezzjoni tal-appellant kien li s-soċjetà appellata naqset li twettaq dak li tqabbdet tagħmel fl-appalt. Il-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares b'għaqal, mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja, u skond id-dettami tal-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt jissarraf f'dak "*is-sens ta' professjonalità teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni fuqu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti*"[35]. B'mod partikolari, biex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb irid juri li huwa ikkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkomprometti x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat[36];

33. Illi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha

[34] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***
[35] App Ċiv. Inf. PS **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Frančiż Construction Ltd vs Anġlu Żarb***
[36] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri noe et vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani***

kien intrabat[37]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, jew ma tagħmilhiex sewwa, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni)[38]. Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[39] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[40], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[41];

34. Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[42]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn egħmil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[43];

35. Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jew

---

[37] Art. 1125 tal-Kap 16
[38] Art. 1127 tal-Kap 16
[39] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[40] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[41] Art. 1135 tal-Kap 16
[42] Art. 1137 tal-Kap 16
[43] Art. 1136 tal-Kap 16

jirranġa n-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[44]. Iżda fejn in-nuqqas ikun wieħed qawwi, ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas u jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi ħlas jew saħansitra l-ħlas kollu tal-prezz miftiehem[45] ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq appalt meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li dan mhuwiex il-każ[46]. Għaldaqstant, meta jirriżultaw dawn in-nuqqasijiet, l-appaltatur jitqies li għandu ħtija minħabba inadempiment għaliex "*il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' l-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt*"[47];

36. Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[48]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[49]. B'mod partikolari, l-appaltatur irid iwettaq il-ħatra mogħtija lilu bil-ħsieb li x-xogħol konsenjat ikun ta' fejda għall-appaltant u mhux b'mod li 'l quddiem juri nuqqasijiet, u li jiggarantixxi t-tjubija tax-xogħol tiegħu[50];

---

[44] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[45] P.A. **8.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żarb vs Aġius*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.892**)
[46] Per eżempju, ara P.A., PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri*** ; u App. Inf. **28.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd***
[47] App. Civ. **19.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Schembri*** (Kollezz. Vol. **XXXVIII. i. 292**)
[48] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[49] Art. 1133 tal-Kap 16
[50] App. Inf. **6.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Darmanin vs Moira Aġius et***

37. Illi biex appaltatur jista' jtaffi jew jeħles għal kollox minn dawn l-effetti, huwa jeħtieġlu juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[51]. Jista' juri wkoll li l-ħtija nuqqas ta' twettiq kienet ġejja mill-imġiba nnifisha tal-kommittent, għalkemm mhijiex difiża tal-appaltatur li jgħid li x-xogħol ma sarx jew li sar ħażin għaliex sar kif riedu l-kommittent. Appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[52]. Din id-difiża m'hija xejn għajr dik magħrufa bħala *non rite adimplendi contractus* li, magħquda mal-eċċezzjoni l-oħra tal-impossibilità tat-twettiq tar-rabta kuntrattwali, jitfgħu fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li jippruvaw li dak minnha allegat ġara tassew;

38. Illi meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili. Xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u ma għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[53]. B'mod partikolari, min, minħabba

[51] Art.1134 tal-Kap 16
[52] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)
[53] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)

ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[54], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[55];

39. Illi fuq kollox il-ħtija li jrid iwieġeb għaliha l-appaltatur tiddependi minn kemm tali nuqqasijiet għadhom jistgħu jissewwew u huwa biss meta t-tiswija tagħhom ma tkunx għadha tista' ssir li l-kommittent jingħatalu d-dritt li jfittex għad-danni[56];

40. Illi b'dan it-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti naqset għal kollox milli tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallsu d-danni li ġarrab minħabba li ma wettqitx sewwa l-appalt mogħti lilha. Huwa jisħaq li kellu raġuni tajba biex itemm l-appalt u li, minħabba d-dewmien u minħabba li l-appellata ma temmitx l-appalt, kellu jinkorri nefqa żejda fil-ħażna ta' oġġetti li kienu maħsuba li jgħammru l-post li fih kellha tinbena d-dar tiegħu;

41. Ili l-appellant jgħid li l-waqfien min-naħa tas-soċjetà appellata milli tissokta l-appalt mogħti lilha isarraf f'abbandun tal-istess appalt u għalhekk dan iġib tabilfors miegħu l-effett li l-kommittent imissu jkun kumpensat tad-dannu

---

[54] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[55] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[56] P.A. PS **28.2.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***

mġarrab minħabba f'hekk, ladarba l-liġi ma tagħtix lill-appaltatur il-jedd li jtemm il-ħatra unilateralment;

42. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant ma huwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, is-sospensjoni waħedha għal ftit żmien ta' appalt ma tistax awtomatikament tissarraf f'abbandun. Huwa minħabba f'hekk li l-liġi trid li biex jitqies li l-appaltatur jaħti ta' abbandun (u fejn, bħal f'dan il-każ, ma kienx hemm ftehim ta' appalt miktub bi klawsola kommissorja espressa), il-kommittent irid isejjaħlu biex itemm dak li qabbdu jwettaq u tali nuqqas ikun determinat ġudizzjarjament. Mill-atti tal-kawża, ma jirriżulta bl-ebda mod li l-appellant interpella lis-soċjetà appellata biex tkompli l-ħidma tagħha, u għadda minnufih biex iqabbad lill-*project manager* tiegħu Dowdall biex ifittixlu u jaħtar lil ħaddieħor minflokha. Fit-tieni lok, kif irriżulta lill-ewwel Qorti, is-soċjetà appellata seħħilha turi tajjeb biżżejjed li kien hemm raġunijiet tekniċi u fattwali li kienu jiġġustifikaw għaliex ix-xogħol mogħti kellu jitwaqqaf għal xi żmien skond it-temp, fid-dawl tan-natura tal-art taflija li fiha kellu jsir it-taħmil mitlub, u fejn irriżulta li ċertu xogħol meta tagħmel ix-xita kien qiegħed jikkawża saħansitra ħsara lill-inġenji tal-appaltatur. Il-perit innifsu li kien tqabbad mill-appellant biex jissorvelja l-bini tal-villa fejn sar it-taħmil appaltat mertu tal-kawża, iddikjara li għall-appaltatur "xogħolu kien se jkun wieħed diffiċli minħabba l-posizzjoni u l-lokalità tas-sit"[57]. Tressqet prova dokumentali wkoll mill-*project manager* Dowdall[58] li turi bid-dieher li s-sit kien mifqugħ mhux biss minħabba x-xita, iżda

[57] Affidavit f'paġ. 283 tal-proċess
[58] Ara Dok "RD2", f'paġ. 56 tal-proċess

wkoll minħabba tnixxija minn katusa tad-drenaġġ. Fit-tielet lok, minn qari b'reqqa tal-atti kollha tal-kawża, joħroġ ċar li l-ilment tal-appellant ma kienx bl-ebda mod marbut mal-kwalità tax-xogħol mogħti mis-soċjetà appellata, iżda biss miċ-ċirkostanza tat-twaqqif temporanju tal-istess appalt. Kemm hu hekk, huwa baqa' jħallas għax-xogħol mogħti meta ntalab u, fis-sewwa, mkien f'din il-kawża ma xehed li x-xogħol tal-appellata kien ħażin jew ma kienx ta' siwi għalih: lanqas ma ħarġet xhieda li tgħid li l-appaltatur imqabbad minflok l-appellata kellu jerġa' jagħmel xogħol li sar ħażin, iżda biss li jkompli xogħol minn fejn kienet waqfet l-appellata. Fir-raba' lok, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet legali li saru aktar qabel, din il-Qorti hija tal-fehma li, ladarba ma kien hemm l-ebda ftehim miktub li jimponi terminu li fih is-soċjetà appellata kellha ttemm l-appalt mogħti lilha u ladarba ma ntweriex li l-kommittent qiegħed lis-soċjetà appellata f'mora, jonqos l-element tal-morożità li jiskatta l-effett 'sekondarju' tad-danni minħabba inadempiment, u l-prova ta' tali dewmien kienet taqa' fuq l-appellant. Prova bħal din ma tressqitx u għalhekk, minbarra l-mod kif l-istess appellant għażel li jtemm l-appalt u jaħtar appaltatur ieħor u n-nuqqas ta' prova ta' żmien miftiehem, tinqos il-kawżali li tagħti lok għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-dannu pretiż;

43. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li dan l-aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux jintlaqa';

44. Illi r-**raba' aggravju** tal-appellant jintrabat ma' ta' qablu. Huwa jilminta mill-fatt li s-sentenza appellata warrbet (it-tielet) l-eċċezzjoni tiegħu li huwa

ġarrab danni, meta tali eċċezzjoni kienet ippruvata u konfermata mill-provi fl-atti tal-kawża. F'dan ir-rigward, huwa jgħid li l-ewwel Qorti qieset b'ċerta leġġerezza l-pretensjonijiet tiegħu tad-dannu mġarrab u jqis li r-raġunijiet mogħtjin minnha ma jagħmlux ħaqq għas-sitwazzjoni li l-appellata ħolqot bil-waqfien min-naħa tagħha tat-twettiq tal-appalt;

45. Illi jista' jingħad li dan l-aggravju jintrabat sewwa mal-aggravju ta' qablu u t-tnejn jissejsu fuq l-istess elementi. Kulma għandha tgħid din il-Qorti fir-rigward ta' dan l-aggravju hu li ttenni dak li qalet fir-rigward tal-aggravju preċedenti, u dan lil hinn mir-raġunijiet li setgħet semmiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

46. Illi għalhekk, dan l-aggravju wkoll huwa miċħud;

47. Illi bil-**ħames aggravju** tiegħu, l-appellant jilminta mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnatlu jħallas l-imgħaxijiet legali fuq is-somma kanonizzata mid-data li tidher fuq ir-rapport (25 ta' Lulju, 2002[59]) li bih l-appellata ressqet għall-ewwel darba l-ammont minnha pretiż, imma fl-agħar ipoteżi, kellu jibda jgħaddi minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata;

48. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa tajjeb. Kif sewwa jissottometti l-appellant, l-azzjoni attriċi hija waħda għal-likwidazzjoni tal-ħlas dovut, liema

[59] Dok f'paġ. 246 tal-proċess

likwidazzjoni saret l-ewwel darba mal-għoti tas-sentenza appellata. Minbarra dan, id-dokument (li jirrappreżenta '*bill of quantities*' maħruġ minn *surveyor*) li fuqu l-ewwel Qorti straħet biex iddeterminat minn meta kellu jibda għaddej l-imgħax tressaq l-ewwel darba fl-atti tal-kawża kważi sitt (6) snin wara li l-kawża kienet infetħet u lanqas biss huwa maħluf. Fuq kollox, il-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' kemm jew jekk l-appellant kienx għad fadallu x'iħallas lis-soċjetà appellata kienet waħda missielta għall-aħħar u li ġabet fehmiet differenti, saħansitra mill-perit tekniku maħtur mill-ewwel Qorti. Dan biex ma jingħadx ukoll li, bejn is-somma indikata fl-imsemmi dokument u l-pretensjoni tas-soċjetà appellata kif murija f'mandat kawtelatorju mressaq minnha kontra l-appellant jumejn wara li fetħet il-kawża[60], hemm baħar jaqsam, li juri li lanqas l-istess appellata ma kienet sewwasew ċerta kemm kien għad fadlilha titħallas;

49. Illi l-Qorti jidhrilha li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jgħoddu sewwasew mal-massima li "*in illiquidis non fit mora*" u għalhekk l-appellant ma jixraqx li jerfa' l-piż tal-mixja tal-imgħaxijiet minn jum qabel saret dik il-likwidazzjoni. Dak il-jum huwa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata;

50. Illi, fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant huwa meħtieġ li l-Qorti tqis l-imsemmija likwidazzjoni. Huwa minnu li l-appellant ma jilmintax dwar l-ammont likwidat bħala dovut lis-soċjetà appellata (hu ressaq aggravju biss dwar jekk minn dak l-ammont messux tnaqqas l-

[60] Dok "PG1", f'paġġ. 30 – 3 tal-proċess

ammont ta' danni pretiżi minnu u mid-dekorrenza tal-imgħax fuq dik is-somma), iżda jidher ċar li l-ewwel Qorti waslet għal tali likwidazzjoni fuq is-saħħa tal-fehmiet milħuqa mill-periti addizzjonali, billi espressament dehrilha li ma kellhiex għaliex toqgħod fuq il-likwidazzjoni magħmula mill-(ewwel) perit tekniku. Ladarba din il-Qorti sabet li ma tistax toqgħod fuq dak li sar mill-periti addizzjonali minħabba l-irregolarità tal-ħatra tagħhom, din il-Qorti jkollha tqis hi jekk il-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hijiex waħda li tibqa' tgħodd jew imisshiex tibdilha. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jissuġġerixxi li tkun din il-Qorti nnifisha li tqis is-somma li setgħet kienet dovuta lis-soċjetà appellata, minflok terġa' tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex terġa' tagħmel likwidazzjoni mill-ġdid;

51. Illi l-ewwel Qorti qieset il-likwidazzjoni tal-ammont pretiż mis-soċjetà appellata fit-tieni kunsiderazzjoni tas-sentenza appellata. Il-perit tekniku maħtur mill-ewwel Qorti kien wasal għall-fehma li l-ammont ta' materjal imħammel mis-sit min-naħa tas-soċjetà attriċi (l-appellata) kien jitla' għal elf mija u erbgħin punt tnejn disgħa metri kubi (1140.29$m^3$), li kien il-kejl li wasal għalih *surveyor* imqabbad mill-appellant fl-2002[61]. Kien illikwida wkoll is-somma miftehma għt-tneħħija ta' siġar u t-tindif tas-sit biex seta' jsir l-ewwel *survey* qabel inbeda x-xogħol. L-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex toqgħod fuq dik il-fehma tal-perit għaliex qalet li ma kinitx fehma motivata;

[61] Dok "PG16", f'paġġ. 264 – 5 tal-proċess

52. Illi din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma qagħditx fuq dik il-fehma tal-ewwel perit minnha maħtur, u kienet qiegħda tagħmel dak li l-liġi tagħtiha tagħmel f'ċirkostanza bħal din[62]. Din il-Qorti wkoll tqis li ma tistax, bħall-ewwel Qorti, toqgħod fuq il-kalkolu tas-*surveyor* Attard imqabbad mill-appellant u li sar fl-2002, għaliex minnu stess joħroġ li dak sar, għallanqas fuq aspetti rilevanti minnu, fuq tagħrif mogħti mill-appellant u mhux fuq kostatazzjonijiet fattwali li ttieħdu mis-sit. Min-naħa l-oħra, is-*surveys* li saru fit-13 ta' Frar, 1995[63] (qabel ma nbeda x-xogħol appaltat) u fit-3 ta' Frar, 1996[64] (qabel ma nbeda x-xogħol mill-kuntrattur li tqabbad wara s-soċjetà appellata), t-tnejn li huma saru b'kostatazzjonijiet *in situ* u fi żmien qabel ma nfetħet din il-kawża. Il-Qorti żżid tosserva li dawk iż-żewġ *surveys* ukoll kienu saru minn persuni kompetenti mqabbdin mill-appellant. Il-verifiki u l-likwidazzjonijiet li saru mill-istess *surveyor* Camilleri f'Ġunju tal-2000[65] kienu wkoll imsejsin fuq l-imsemmija *surveys*. Mit-tieni wieħed mis-*surveys* (dak tat-3 ta' Frar, 1996) jirriżulta li sa dakinhar kien sar xogħol ta' trinek u ġie mkejjel. Jekk dan huwa l-każ, l-ewwel Qorti kellha wkoll raġun ma toqgħodx fuq il-likwidazzjoni ta' l-ewwel perit li kien wasal għall-fehma li t-tħaffir tat-trinek kien sar mill-appaltatur li tqabbad wara s-soċjetà appellata. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ssib li għandha toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet magħmula fl-ewwel żewġ *surveys* imsemmija u minnhom tillikwida s-somma li s-soċjetà appellata kien jixirqilha

[62] Art. 681 tal-Kap 12
[63] Dok "CC1", f'paġ. 50 tal-proċess
[64] Dok "CC2", f'paġ. 51 tal-proċess
[65] Dokti "RC1" f'paġġ. 144 u 241 tal-proċess

titħallas u mbagħad, minn dak l-ammont, jitnaqqas il-ħlas akkont imwettaq mill-appellant (li dwaru l-partijiet jaqblu u jinsab ukoll dokumentat kif imiss);

53. Illi, għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida s-somom li ġejjin: (a) tneħħija ta' siġar u tindif tas-sit – is-somma miftehma ta' tliet mija u ħamsin euro (€ 350); (b) xogħol ta' taħmil – kubaġġ ta' elf ħames mija u disgħa u ħamsin metru kubu (1559m$^3$), li jġib is-somma ta' disat elef u ħames mitt euro (€ 9,500); (ċ) tqattigħ ta' trinek – li jtella' s-somma ta' tmien mija u sita u sittin euro (€ 866). Dawn ix-xogħlijiet kollha jtellgħu s-somma ta' għaxart elef seba' mija u sitax-il euro (€10,716). Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li fuq l-imsemmija somma trid tiżdied it-Taxxa tal-Valur Miżjud bir-rata tal-ħmistax fil-mija (15%)[66]. B'kollox, għalhekk, l-ammont li kellha titħallas is-soċjetà appellata għax-xogħol minnha magħmul fl-appalt lilha mogħti kien jitla' għal tnax-il elf tliet mija u tlieta u għoxrin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 12,323.40);

54. Illi, kif ingħad, hemm qbil li l-appellant ħallas lis-soċjetà appellata akkonti li jtellgħu erbat elef sitt mija u sittin euro (€ 4,660). Dawn jitnaqqsu mis-somma likwidata. Għalhekk, is-soċjetà appellata kien għad fadlilha titħallas is-somma ta' sebat elef sit mija u tlieta u sittin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 7.663.40). Din is-somma tqarreb ħafna mal-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fuq din is-somma jibda jgħaddi mgħax mid-data tas-sentenza appellata;

66 € 10,716 x 0.15 = € 1607.40

55. Illi għal dawn ir-raġunijiet u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet milħuqa hawn fuq, il-ħames aggravju tal-appellant qiegħed jintlaqa';

56. Illi fis-**sitt aggravju** l-appellant jilminta mill-fatt li s-sentenza appellata għabbietu bil-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża. Huwa jqis li l-ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-fatt li s-soċjetà appellata ngħatat bis-sentenza anqas minn terz ta' dak li hija kienet ippretendiet f'Mandat kawtelatorju li ħarġet kontrih jumejn wara li fetħet il-kawża u li ħallietu fis-seħħ sa madwar tliet (3) snin wara;

57. Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-aggravju huwa tajjeb. L-azzjoniattriċi kienet waħda ta' likwidazzjoni ta' somma dovuta. Hekk sar fis-sentenza appellata u s-soċjetà appellata ingħatat raġun dwar dak li talbiet tagħha li ntlaqgħu kollha. Min-naħa l-oħra, is-sentenza appellata ma laqgħet l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-appellant. Għalhekk ma kienx hemm raġunijiet għaliex l-ewwel Qorti kellha tħaddem ir-regola tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 biex taqsam l-ispejjeż tal-kawża bejn il-partijiet. Minbarra dan,din il-Qorti ssib li l-fatt li l-appellant ħalla ssir il-ħatra ta' periti addizzjonali u, wara li iddikjara li kien joqgħod għall-fehma milħuqa minnhom fir-Rapport tagħhom, qajjem il-kwestjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-ħatra tagħhom meta kienet diġà saret it-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża u kienet se titħalla għas-sentenza, għandu jimmilita kontra xi temperament tal-kap tal-ispejjeż kif deċiż fis-sentenza appellata;

58. Illi għalhekk, dan l-aggravju mhuwiex qiegħed jintlaqa';

***Decide:***

59. Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** tal-intimat Gregoire billi tħassar u tirrevoka d-degriet mogħti mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Diċembru, 2011, dwar it-talbiet magħmulin minnu fir-rikors tiegħu tat-30 ta' Awwissu, 2011, u minflok tilqa' t-talbiet tiegħu fl-imsemmi rikors, u għalhekk issib li l-ħatra tal-periti addizzjonali magħmula bid-degriet tad-29 ta' April, 2009, ma tiswiex u qiegħda tordna li r-rapport imressaq minnhom fid-9 ta' Ġunju, 2010, jitneħħa mill-atti tal-kawża; u

**Tirriforma** s-sentenza appellata mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi ssib li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi appellata bħala bilanċ tal-prezz ta' xogħol minnha mwettaq u liema somma għandu jħallasha l-intimat appellant huwa ta' sebat elef sitt mija u tlieta u sittin euro u erbgħin ċenteżmi (€7,663.40) u li l-imgħax legali fuqha jibda għaddej mid-data tas-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv, u **tikkonfermaha** mill-bqija;

L-**ispejjeż** tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-appellant iħallas żewġ terzi ($^2/_3$) tal-ispejjeż ta' din l-istanza u s-soċjetà attriċi appellata tħallas it-terz ($^1/_3$) li jifdal.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur

mb